Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 97

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

8 ta' April 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/668 tas-27 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/669 tas-16 ta' Diċembru 2016 li jikkoreġi l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Litwan, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)** [1] 3

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/670 tal-31 ta' Jannar 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċessi ta' produzzjoni awtorizzati sabiex jinkisbu prodotti tal-inbid aromatizzat** 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/671 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klotijanidin u t-tijametossam f'ċerti prodotti jew fuqhom** [1] 9

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/672 tas-7 ta' April 2017 li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel, barra minn dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012** [1] 24

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/673 tas-7 ta' April 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 27

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

⋆ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/674 tat-3 ta' April 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam għal dak li jirrigwarda l-emendi fl-Anness III għal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluż fil-kummerċ internazzjonali** 29

⋆ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 tas-7 ta' April 2017 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija** *(notifikata bid-dokument C(2017) 2432)* [1] 31

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/668

tas-27 ta' Ġunju 2016

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), u 207 flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1277 ([2]), il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll Addizzjonali") ġie iffirmat, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(2) Il-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ([3]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll Addizzjonali.

([1]) Il-kunsens tas-7 ta' Ġunju 2016.
([2]) (ĠU L 204, 31.7.2015, p. 1).
([3]) It-test tal-Protokoll Addizzjonali se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M. VAN DAM

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/669

tas-16 ta' Diċembru 2016

li jikkoreġi l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Litwan, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]) u b'mod partikolarli l-Artikolu 86(1)(e) u l-Artikolu 111(1)(c) tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Litwan, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 ([2]) fihom żball, fl-Artikolu 182(4), dwar l-iskala tal-kwalità kreditizja medja ponderata fuq skopertura b'isem wieħed. Għaldaqstant hemm bżonn li ssir korrezzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Litwan, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn mhumiex affettwati.

(2) Il-verżjoni lingwistika bil-Franċiż fiha żball addizzjonali, fl-Anness I, fit-Taqsima D, fil-punt 29, dwar il-linja operatorja "Assigurazzjoni tas-saħħa". Għaldaqstant hemm bżonn li ssir korrezzjoni fil-verżjoni lingwistika bil-Franċiż. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn mhumiex affettwati.

(3) Għaldaqstant jinħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 jiġi korrett.

(4) Sabiex ikun żgurat li fl-Unjoni kollha jkun hemm kundizzjonijiet ugwali għall-imprizi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti, jinħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa korrett kif ġej:

1. L-Artikolu 182(4) jinbidel kif ġej:

"L-iskala tal-kwalità kreditizja medja ponderata fuq skopertura b'isem wieħed tkun daqs il-medja mqarrba 'l fuq tal-iskali tal-kwalità kreditizja tal-iskoperturi kollha għall-kontropartijiet kollha li jappartjenu għall-iskopertura b'isem wieħed, ponderata skont il-valur ta' kull skopertura.".

2. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija).*

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/670

tal-31 ta' Jannar 2017

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċessi ta' produzzjoni awtorizzati sabiex jinkisbu prodotti tal-inbid aromatizzat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Tradizzjonalment, il-prodotti tal-inbid aromatizzat jiġu prodotti fl-Unjoni; dawn jikkostitwixxu settur importanti għall-produtturi u għall-konsumaturi u huma suq importanti għall-agrikoltura tal-Unjoni. L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 jistipula r-rekwiżiti, ir-restrizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet skont liema l-inbejjed aromatizzati għandhom jiġu prodotti. Dan jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni tadotta att delegat sabiex tistabbilixxi l-proċessi ta' produzzjoni sabiex jinkisbu prodotti tal-inbid aromatizzat.

(2) Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, jiġu evitati l-prattiki qarrieqa u tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta fost il-produtturi, għandhom jiġu stabbiliti kriterji ddefiniti b'mod ċar għall-produzzjoni tal-prodotti tal-inbid aromatizzat. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014, il-Kummissjoni għandha tqis il-proċessi ta' produzzjoni rrakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV).

(3) Il-proċessi tal-produzzjoni għall-prodotti tal-inbid aromatizzat irrakkomandati u ppubblikati mill-OIV huma inklużi fir-Riżoluzzjoni OENO 439-2012 tal-OIV u għandhom jintużaw bħala referenza għall-istabbiliment tal-proċessi ta' produzzjoni awtorizzati fl-Unjoni. Madankollu, minn konsultazzjoni li saret mal-esperti tal-Istati Membri u mar-rappreżentanti tas-settur tal-prodotti tal-inbid aromatizzat, ħareġ li xi wħud minn dawk il-proċessi ma jirriflettux għalkollox il-prattiki tradizzjonali tal-produzzjoni tal-Unjoni. Għalhekk dawn għandhom jiġu adattati u kkompletati sabiex jirrispondu aħjar għall-bżonnijiet tal-produtturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-metodi ta' produzzjoni u għall-aspettattivi tal-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-prodotti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-proċessi tal-produzzjoni għall-prodotti tal-inbid aromatizzat

Il-proċessi ta' produzzjoni awtorizzati sabiex jinkisbu prodotti tal-inbid aromatizzat, skont ir-Regolament (UE) Nru 251/2014, huma dawk imniżżlin fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Lista tal-proċessi ta' produzzjoni awtorizzati msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 251/2014

Numru	Proċess tal-produzzjoni	Għan	Kundizzjonijiet tal-użu	Rekwiżiti
1	L-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni	Li tiżdied jew tonqos l-aċidità totali u l-aċidità reali (li jonqos jew jiżdied il-pH), sabiex il-prodott jingħata karatteristiċi organolettiċi speċifiċi u tiżdiedlu l-istabbiltà.	— Ipproċessar bl-elettromembrani — Trattament bl-iskambjaturi tal-katjoni	Għall-ipproċessar bl-elettromembrani għall-aċidifikazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 [1]. Għall-ipproċessar bl-elettromembrani għad-deaċidifikazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009. Għall-użu tal-iskambjaturi tal-katjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009.
2	It-tisfija u ċ-ċentrifugazzjoni	Li jinkisbu: — it-trasparenza tal-prodotti; — l-istabbiltà bijoloġika billi jitneħħew il-mikrorganiżmi; u — l-istabbiltà kimika.	Il-prodotti tal-inbejjed aromatizzati jgħaddu minn filtri li jaqbdu l-partiċelli sospiżi, bissustanzi f'soluzzjoni kollojdali. Il-filtrazzjoni tista' ssir b'aġent tal-filtrazzjoni inert jew mingħajru, b'membrani organiċi jew minerali, inklużi membrani semipermeabbli.	
3	Il-korrezzjoni tal-lewn u tat-togħma	— Li jiġi aġġustat il-lewn tal-prodott. — Li l-prodott jingħata karatteristiċi organolettiċi speċifiċi.	— Trattament bil-karbonju enoloġiku. — Trattament bil-polivinilpolipirrolidon.	Il-karbonju: massimu ta' 200 gramma għal kull ettolitru Il-polivinilpolipirrolidon: massimu ta' 80 gramma għal kull ettolitru
4	Iż-żieda fil-kontenut ta' alkoħol	Li jiżdied il-kontenut ta' alkoħol	— It-tneħħija tal-ilma permezz: — ta' tekniki tat-tisħiħ ta' tnaqqis bħall-ożmożi inversa; — tal-krijokonċentrazzjoni permezz tal-iffriżar u tat-tneħħija tas-silġ li jkun ġie ffurmat b'dan il-mod. — Il-fermentazzjoni sekondarja billi jiżdied iz-zokkor fermentabbli minn fost dak imsemmi fl-Anness I(2) tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 u wara l-fermentazzjoni permezz ta' ħmejjer magħżulin.	

Nu-mru	Proċess tal-produz-zjoni	Għan	Kundizzjonijiet tal-użu	Rekwiżiti
5	It-tnaqqis fil-kon-tenut tal-alkoħol	Li jitnaqqas il-kontenut tal-al-koħol	Is-separazzjoni tal-etanol bl-użu ta' tekniki fiżiċi tas-sepa-razzjoni.	Il-prodotti tal-inbid aromatizzat ittrat-tati ma għandu jkollhom l-ebda nuq-qas organolettiku u għandhom ikunu adattati għall-konsum dirett mill-bnie-dem. Ma jistax jitnaqqas l-alkoħol fi prodott tal-inbid aromatizzat jekk tkun saret xi waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin waqt il-preparazzjoni tal-prodott tal-in-bid aromatizzat: — iż-żieda tal-alkoħol; — il-konċentrazzjoni; jew — il-fermentazzjoni sekondarja.
6	L-istabbilizzaz-zjoni tartarika	Li tinkiseb l-istabbiltà tartarika b'rabta mat-tartrat idroġenat tal-potassju, mat-tartrat tal-kalċju u ma' mlieħ oħrajn tal-kalċju.	— Trattament bl-elettrodijaliżi — Trattament bl-iskambjatur tal-katjoni li matulu l-inbid bażiku jgħaddi minn ġo kolonna mimlija bir-reżina polimerika li tirreaġixxi bħala polielettrolit li ma jistax jinħall u li l-katjoni tagħha jistgħu jinbidlu ma' katjoni tal-ambjent tal-madwar. — It-tkessiħ billi l-prodotti jinżammu f'temperatura mnaqqsa	Għat-trattament bl-elettrodijaliżi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009. Għall-użu tal-iskambjaturi tal-katjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009.
7	It-taħlit	Li jiġi aġġustat il-profil organo-lettiku finali tal-prodotti tal-in-bid aromatizzat	It-taħlit ta' prodotti differenti tas-settur tal-inbid, kif im-semmi fil-punti 2(a), 3(a) u 4(a) tal-Artikolu 3 tar-Rego-lament (UE) Nru 251/2014.	
8	Il-preservazzjoni permezz tas-sħana	Li jiġi ppreservat il-prodott billi tiġi żgurata l-istabbiltà mikrobijoloġika.	It-tisħin, inkluża l-pastorizzaz-zjoni. It-tisħin sat-temperatura li hemm bżonn biex jitneħħew il-batterji u l-ħmejjer.	
9	Il-kjarifikazzjoni	Li jitneħħew il-komponenti li ma jinħallux	L-użu tal-għajnuniet għall-ip-proċessar li ġejjin: — il-ġelatina li tittiekel; — il-proteini tal-pjanti li ġejjin mill-qamħ u mill-piżelli; — l-isinglass; — il-kaseina u l-kaseinati tal-potassju; — l-abjad tal-bajd; — il-bentonit; — id-diossidu tas-siliċju f'forma ta' ġell jew ta' so-luzzjoni kollojdali.	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1).

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/671

tas-7 ta' April 2017

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klotijanidin u t-tijametossam f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni Codex Alimentarius (CAC) adottat limiti massimi ta' residwi tal-Codex (CXLs) għall-klotijanidin u t-tijametossam ([2]).

(2) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) huma stabbiliti għal dawk is-sustanzi fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(3) B'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill ([3]), fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn għandhom jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi dwar l-ikel, ħlief fejn dawn l-istandards jew partijiet relevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux adattat għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi tal-liġi dwar l-ikel jew fejn ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew fejn dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak stabbilit bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni għandha tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi dwar l-ikel waqt li tiżgura li l-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni ma jitnaqqasx.

(4) Għalhekk is-CXLs għall-klotijanidin u t-tijametossam għandhom jiddaħħlu fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 bħala MRLs ħlief meta dawn jirrelataw ma' prodotti li mhumiex stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament jew meta dawn ikunu stabbiliti f'livell aktar baxx mill-MRLs attwali. Dawk is-CXLs huma sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni ([4]).

(5) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) ftp://ftp.fao.org/codex/reports/reports_2015/REP15_PRe.pdf.
Il-programm konġunt tal-FAO/WHO dwar l-istandards fl-ikel tal-Kummissjoni Codex Alimentarius. L-Appendiċi III u IV. It-Tmienja u Tletin Sessjoni. Ġinevra, l-Iżvizzera, 6-11 ta' Lulju 2015.

([3]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([4]) Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għas-47 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). EFSA Journal 2015;13(7):4208 [178 pp.].

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonni tal-klotijanidin u t-tijametossam jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"Ir-residwi ta' pestiċidi u l-livelli massimi ta' residwi (f'mg/kg)

Numru tal-Kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Klotijanidin	Tijametossam
(1)	(2)	(3)	(4)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**		
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0,06 (+)	0,15 (+)
0110010	Grejpfrut		
0110020	Larinġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn		
0120000	**Ġewż tas-siġar**	0,01 (1)	
0120010	Lewż		0,01 (1)
0120020	Ġewż tal-Brażil		0,01 (1)
0120030	Ġewż tal-anakardju		0,01 (1)
0120040	Qastan		0,01 (1)
0120050	Ġewż tal-Indi		0,01 (1)
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew		0,01 (1)
0120070	Makadamja		0,01 (1)
0120080	Ġewż Amerikan		0,02 (1)
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		0,01 (1)
0120100	Pistaċċi		0,01 (1)
0120110	Ġewż		0,01 (1)
0120990	Oħrajn		0,01 (1)
0130000	**Frott taż-żerriegħa**	0,4	0,3
0130010	Tuffieħ		
0130020	Lanġas		
0130030	Sfarġel		
0130040	Naspli		
0130050	Naspli tal-Ġappun		
0130990	Oħrajn		
0140000	**Frott tal-għadma**		
0140010	Berquq	0,15	0,07 (+)
0140020	Ċiras (ħelu)	0,03 (+)	0,6 (+)
0140030	Ħawħ	0,15	0,07

(1)	(2)	(3)	(4)
0140040	Għanbaqar	0,01 (1)	0,01 (1)
0140990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0150000	**Frott irqiq u frott żgħir**		
0151000	(a) *għeneb*	0,7 (+)	0,4 (+)
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb tal-inbid		
0152000	(b) *frawli*	0,02 (1) (+)	0,3 (+)
0153000	(c) *frott tal-kannamiela*	0,01 (1)	0,01 (1)
0153010	Tut		
0153020	Ċawsli iswed (Dewberries)		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn		
0154000	(d) *frott irqiq u żgħir ieħor*	0,01 (1)	0,01 (1)
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		
0154030	Passolina (sewda, ħamra u bajda)		
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)		
0154050	Warda Skoċċiża		
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)		
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn		
0160000	**Frott — diversi bi**		
0161000	(a) *il-qoxra li tittiekel*		
0161010	Tamal	0,01 (1)	0,01 (1)
0161020	Tin	0,01 (1)	0,01 (1)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	0,09	0,4
0161040	Lariġ tal-qsari	0,01 (1)	0,01 (1)
0161050	Karambola	0,01 (1)	0,01 (1)
0161060	Kaki	0,01 (1)	0,01 (1)
0161070	Ġambolan	0,01 (1)	0,01 (1)
0161990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0162000	(b) *il-qoxra li ma tittikilx, żgħir*	0,01 (1)	0,01 (1)
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċċi		
0162030	Frotta tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk/frott tal-kaktus		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Kaki Amerikan/Kaki ta' Virġinja		
0162990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0163000	(c) *il-qoxra li ma tittikilx, kbir*		
0163010	Avokado	**0,03**	**0,5**
0163020	Banana	0,02	0,02 (1)
0163030	Mango	**0,04**	**0,2**
0163040	Papaja	0,01 (1)	0,02 (1)
0163050	Rummien	0,01 (1)	0,01 (1)
0163060	Ċerimoja	0,01 (1)	0,01 (1)
0163070	Gwava	0,01 (1)	0,01 (1)
0163080	Ananas	0,02 (1) (+)	0,02 (1) (+)
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	0,01 (1)	0,01 (1)
0163100	Durjan	0,01 (1)	0,01 (1)
0163110	Frott tal-annona	0,01 (1)	0,01 (1)
0163990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0200000	**ĦXEJJEX, FRISKI jew IFFRIŻATI**		
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**		
0211000	(a) *patata*	0,03	0,07
0212000	(b) *ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi*	0,01 (1)	0,01 (1)
0212010	Għeruq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn		
0213000	(c) *ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi taz-zokkor*		
0213010	Pitravi	0,01 (1)	0,01 (1)
0213020	Zunnarija	0,06	0,3
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	0,01 (1)	0,01 (1)
0213040	Rafan	0,01 (1)	0,01 (1)
0213050	Artiċoks ta' Ġerusalem	0,01 (1)	0,01 (1)
0213060	Zunnarija bajda	0,01 (1)	0,01 (1)
0213070	Tursin tuberuż	0,01 (1)	0,01 (1)
0213080	Ravanell	0,01 (1)	0,01 (1)
0213090	Sassefrika	0,01 (1)	0,01 (1)
0213100	Swedes/Nevew tal-Iżvezja	0,02 (1)	0,02 (1)
0213110	Kromb	0,01 (1)	0,01 (1)
0213990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01 (1)	0,01 (1)
0220010	Tewm		
0220020	Basal		
0220030	Xalotti		

(1)	(2)	(3)	(4)
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		
0220990	Oħrajn		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**		
0231000	(a) *solanacea*		
0231010	Tadam	0,04	0,2
0231020	Bżar ħelu (kapsikum)	0,04	0,7
0231030	Brunġiel	0,04	0,2
0231040	Okra	0,01 (1)	0,01 (1)
0231990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0232000	(b) *kukurbiti tal-qoxra li tittiekel*		
0232010	Ħjar	0,02 (1)	0,5
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)	0,01 (1)	0,01 (1)
0232030	Zukkini/Qarabagħli	0,02 (1)	0,5
0232990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0233000	(c) *kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx*		
0233010	Bettieħ	0,02 (1) (+)	0,15 (+)
0233020	Qara' aħmar	0,01 (1)	0,01 (1)
0233030	Dulliegħ	0,02 (1) (+)	0,15 (+)
0233990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0234000	(d) *qamħirrum*	0,01 (1)	0,02 (1)
0239000	(e) *ħxejjex tal-frott oħrajn*	0,01 (1)	0,01 (1)
0240000	**Ħxejjex tal-ġenus Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**		
0241000	(a) *brassika li tagħmel il-fjuri*	0,02 (1)	
0241010	Brokkli		0,3
0241020	Pastard		0,02 (1)
0241990	Oħrajn		0,01 (1)
0242000	(b) *brassika bir-ras*	0,02 (1)	0,02 (1)
0242010	Kaboċċi ta' Brussell		
0242020	Kaboċċi kkappoċċati		
0242990	Oħrajn		
0243000	(c) *brassika mwerqa*	0,3	0,02 (1)
0243010	Kaboċċa Ċiniża/pe-tsai		

(1)	(2)	(3)	(4)
0243020	Kale		
0243990	Oħrajn		
0244000	(d) *ġdur*	0,04 (+)	0,01 (1)
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**		
0251000	(a) *ħass u ħxejjex tal-insalata*		
0251010	Ħass tal-ħaruf/Insalata tal-qamħ	0,01 (1)	0,01 (1)
0251020	Ħass	0,1	5
0251030	Escaroles/indivja tal-weraq wiesa'	0,1 (+)	5 (+)
0251040	Krexxun u nebbieta u rimi oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0251050	Krexxun tal-art	0,01 (1)	0,01 (1)
0251060	Aruka	0,01 (1)	0,01 (1)
0251070	Mustarda ħamra	0,01 (1)	0,01 (1)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet tal-brassika)	0,01 (1)	0,01 (1)
0251990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0252000	(b) *spinaċi u weraq simili*	0,01 (1)	0,01 (1)
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdlieq		
0252030	Weraq tal-pitravi		
0252990	Oħrajn		
0253000	(c) *weraq tad-dwieli u ta' speċijiet simili*	0,01 (1)	0,01 (1)
0254000	(d) *krexxuni*	0,01 (1)	0,01 (1)
0255000	(e) *ċikwejra/indivja tal-Belġju*	0,01 (1)	0,01 (1)
0256000	(f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu*	1,5	
0256010	Sorfolja		0,02 (1)
0256020	Kurrat salvaġġ		0,02 (1)
0256030	Weraq tal-karfus		0,02 (1)
0256040	Tursin		0,02 (1)
0256050	Salvja		0,02 (1)
0256060	Klin		0,02 (1)
0256070	Sagħtar		0,02 (1)
0256080	Ħabaq u l-fjuri li jittieklu		**1,5**
0256090	Weraq tar-rand		0,02 (1)
0256100	Stragun		0,02 (1)
0256990	Oħrajn		0,02 (1)
0260000	**Legumi**		
0260010	Fażola (bil-miżwed)	0,2	0,3
0260020	Fażola (bla miżwed)	0,01 (1)	0,02 (1)

(1)	(2)	(3)	(4)
0260030	Piżelli (bil-miżwed)	0,2	0,3
0260040	Piżelli (bla miżwed)	0,01 (1)	0,02 (1)
0260050	Għads	0,01 (1)	0,02 (1)
0260990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**		
0270010	Spraġ	0,01 (1)	0,01 (1)
0270020	Kardun	0,01 (1)	0,01 (1)
0270030	Krafes	0,04	1
0270040	Bużbież ta' Firenze	0,01 (1)	0,01 (1)
0270050	Qaqoċċ	0,05	0,5
0270060	Kurrat	0,01 (1)	0,01 (1)
0270070	Rabarbru	0,01 (1)	0,01 (1)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù	0,01 (1)	0,01 (1)
0270090	Qlub tal-palma	0,01 (1)	0,01 (1)
0270990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (1)	0,01 (1)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		
0280020	Faqqiegħ selvaġġ		
0280990	Ħażiż u likeni		
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (1)	0,01 (1)
0300000	**ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI**	0,02	0,04
0300010	Fażola		
0300020	Għads		
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini		
0300990	Oħrajn		
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**		
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	0,02 (1)	
0401010	Żerriegħa tal-kittien		0,02 (1)
0401020	Karawett/karawett miṫun		0,02 (1)
0401030	Żerriegħa tal-peprin		0,02 (1)
0401040	Żerriegħa tal-ġulġlien		0,02 (1)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		0,02 (1)
0401060	Żerriegħa tal-kolza		0,02 (1)
0401070	Fażola tas-sojja		0,04

(1)	(2)	(3)	(4)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		0,02 (1)
0401090	Żerriegħa tal-qoton		0,02 (1)
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra		0,02 (1)
0401110	Żerriegħa tal-għosfor		0,02 (1)
0401120	Żerriegħa tal-fidloqqom		0,02 (1)
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa		0,02 (1)
0401140	Żerriegħa tal-qanneb		0,02 (1)
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa		0,02 (1)
0401990	Oħrajn		0,01 (1)
0402000	**Frott taż-żejt**		
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	0,09	0,4
0402020	Qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt	0,01 (1)	0,01 (1)
0402030	Frott tal-palm taż-żejt	0,01 (1)	0,01 (1)
0402040	Kapok	0,01 (1)	0,01 (1)
0402990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0500000	**ĊEREALI**		
0500010	Xgħir	0,04	0,4
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0500030	Qamħirrum	0,02 (1)	0,05
0500040	Millieġ komuni	0,01 (1)	0,01 (1)
0500050	Ħafur	0,02 (1)	0,02 (1)
0500060	Ross	0,5	0,01 (1)
0500070	Segala	0,02 (1)	0,02 (1)
0500080	Sorgu	0,01 (1)	0,01 (1)
0500090	Qamħ	0,02 (1)	0,05
0500990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**		
0610000	**Tejiet**	0,7	20
0620000	**Żrieragħ tal-kafè**	0,05	0,2
0630000	**Infusjonijiet erbali minn**	0,05 (1)	0,05 (1)
0631000	(a) *fjuri*		
0631010	Kamomilla		
0631020	Ibisku		
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0632000	(b) *weraq u ħxejjex aromatiċi*		
0632010	Frawli		
0632020	Rooibos		
0632030	Te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn		
0633000	(c) *għeruq*		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn		
0639000	(d) *kwalunkwe parti oħra tal-pjanta*		
0640000	**Żerriegħa tal-kawkaw**	0,02 (1)	0,02 (1)
0650000	**Ħarrub**	0,05 (1)	0,05 (1)
0700000	**ĦOPS**	**0,07**	**0,09**
0800000	**ĦWAWAR**		
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05 (1)	0,05 (1)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed		
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn		
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0,05 (1)	0,05 (1)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamarind (tamar tal-Indja)		
0820990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05 (1)	0,05 (1)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn		
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**		
0840010	Għud is-sus	0,05 (1)	0,05 (1)
0840020	Ġinġer	0,05 (1)	0,05 (1)
0840030	Żagħfran tal-Indja	0,05 (1)	0,05 (1)
0840040	Rafan	(+)	(+)
0840990	Oħrajn	0,05 (1)	0,05 (1)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05 (1)	0,05 (1)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn		
0860000	**Ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05 (1)	0,05 (1)
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn		
0870000	**Ħwawar tal-Aril**	0,05 (1)	0,05 (1)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn		
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**		
0900010	Pitravi taz-zokkor	0,02 (1)	0,02 (1)
0900020	Kannamieli	0,4	0,01 (1)
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	0,01 (1)	0,01 (1)
0900990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TERRESTRI**		
1010000	**Tessut minn**		
1011000	(a) *ħnieżer*		
1011010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1011020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)
1011030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1011040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1011990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1012000	(b) *bovini*		
1012010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1012020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)

(1)	(2)	(3)	(4)
1012030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1012040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1012990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1013000	(c) *nagħaġ*		
1013010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1013020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)
1013030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1013040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1013990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1014000	(d) *mogħoż*		
1014010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1014020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)
1014030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1014040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1014990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1015000	(e) *ekwini*		
1015010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1015020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)
1015030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1015040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1015990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)
1016000	(f) *pollam*		0,01 (1)
1016010	Muskolu	0,01 (1)	
1016020	Tessut xaħmi	0,01 (1)	
1016030	Fwied	0,1	
1016040	Kilwa	0,01 (1)	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1016990	Oħrajn	0,01 (1)	
1017000	(g) *annimali terrestri oħrajn imrobbijin*		
1017010	Muskolu	0,02 (1)	0,02
1017020	Tessut xaħmi	0,02 (1)	0,01 (1)
1017030	Fwied	0,2	0,01 (1)
1017040	Kilwa	0,02 (1)	0,01 (1)
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,2	0,02
1017990	Oħrajn	0,01 (1)	0,01 (1)

(1)	(2)	(3)	(4)
1020000	**Ħalib**	0,02	0,05
1020010	Bhejjem tal-ifrat		
1020020	Nagħaġ		
1020030	Mogħoż		
1020040	Żwiemel		
1020990	Oħrajn		
1030000	**Bajd tat-tjur**	0,01 (1)	0,01 (1)
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn		
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura**	0,05 (1)	0,05 (1)
1050000	**Anfibji u Rettili**	0,01 (1)	0,01 (1)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,01 (1)	0,01 (1)
1070000	**Annimali terrestri vertebrati selvaġġi**	0,01 (1)	0,01 (1)

(1) Jindika limitu iktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika

(a) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

Klotijanidin

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0110000 Frott taċ-ċitru

0110010 Grejpfrut

0110020 Larinġ

0110030 Lumi

0110040 Xkomp

0110050 Mandolin

0110990 Oħrajn

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bit-tijametossam. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0140020 Ċiras (ħelu)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0151000 (a) għeneb

0151010 Għeneb tal-mejda

0151020 Għeneb tal-inbid

0152000 (b) frawli

0163080 Ananas

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bit-tijametossam. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0233010 Bettieħ

0233030 Dulliegħ

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0244000 (d) ġdur

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bit-tijametossam. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0251030 Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għar-rafan (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (il-kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għar-rafan (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi (il-kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Rafan

Tijametossam

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0110000 Frott taċ-ċitru

0110010 Grejpfrut

0110020 Larinġ

0110030 Lumi

0110040 Xkomp

0110050 Mandolin

0110990 Oħrajn

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0140010 Berquq

0140020 Ċiras (ħelu)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0151000 (a) għeneb

0151010 Għeneb tal-mejda

0151020 Għeneb tal-inbid

0152000 (b) frawli

0163080 Ananas

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sas-6 ta' Frar 2018, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0233010 Bettieħ

0233030 Dulliegħ

0251030 Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għar-rafan (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (il-kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għar-rafan (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi (il-kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Rafan"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/672

tas-7 ta' April 2017

li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel, barra minn dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel huma pprojbiti sakemm ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dak ir-Regolament u jkunu inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi.

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 ([2]) li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi li jsiru fuq l-ikel minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jistgħu jitressqu mill-operaturi tan-negozji tal-ikel lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", għal valutazzjoni xjentifika, kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-informazzjoni.

(4) L-Awtorità għandha tagħti opinjoni fir-rigward tal-indikazzjoni dwar is-saħħa kkonċernata.

(5) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.

(6) L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li huma bbażati fuq evidenza xjentifika li tkun għadha kemm ġiet żviluppata u/jew li jkunu jinkludu talba għall-protezzjoni tad-dejta riżervata għandhom jgħaddu minn awtorizzazzjoni aċċellerata, sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni.

(7) Wara applikazzjoni mingħand AlzChem AG, ippreżentata skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni fir-rigward ta' indikazzjoni dwar is-saħħa marbuta mal-kreatina flimkien mat-trejning ta' reżistenza u titjib fis-saħħa tal-muskoli (il-Mistqosija Nru EFSA-Q-2015-00437 ([3])). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "il-kreatina tikkontribwixxi għaż-żamma tal-funzjonament tal-muskoli fl-anzjani".

(8) Fit-23 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità li kkonkludiet li abbażi tad-dejta ppreżentata, kienet ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-kreatina flimkien mat-trejning ta' reżistenza u mat-titjib fis-saħħa tal-muskoli. Il-popolazzjoni fil-mira hija l-adulti li għandhom 'il fuq minn 55 sena, li huma involuti fi trejning ta' reżistenza regolari. Għaldaqstant, indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u jenħtieġ li tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet permessi, stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 432/2012.

(9) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa li jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jkunu veri, ċari, affidabbli u siewja għall-konsumatur, u li għal dan il-għan jitqiesu l-mod kif jitqiegħed il-kliem

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2016;14(2):4400.

u kif jiġu ppreżentati. Għalhekk, meta l-kliem li juża l-applikant fl-indikazzjonijiet ikollu l-istess tifsira għall-konsumaturi bħal dak ta' indikazzjoni tas-saħħa awtorizzata, għaliex juru l-istess relazzjoni li teżisti bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, dawn l-indikazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu bħal dawk elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(10) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ir-Reġistru tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li fih l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati kollha jenħtieġ li jiġi aġġornat sabiex iqis dan ir-Regolament.

(11) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 432/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(12) L-Istati Membri ġew ikkonsultati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikazzjoni dwar is-saħħa stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet permessi kif stipulat fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija tal-ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-*EFSA Journal*	Numru tal-entrata rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
"Kreatina	Il-konsum ta' kuljum tal-kreatina jista' jsaħħaħ l-effett tat-trejning ta' reżistenza fuq is-saħħa tal-muskoli fl-adulti li għandhom 'il fuq minn 55 sena.	Għandha tingħata informazzjoni lill-konsumaturi li: — l-indikazzjoni hija maħsuba għall-adulti li għandhom 'il fuq minn 55 sena, li huma involuti fi trejning ta' reżistenza regolari; — dan l-effett benefiċjali jinkiseb meta wieħed jieħu 3 g ta' kreatina kuljum filwaqt li jagħmel it-trejning ta' reżistenza. Dan jippermetti li maż-żmien dak li jkun jista' jżid it-trejning, li jrid isir mill-inqas tliet darbiet fil-ġimgħa għal bosta ġimgħat b'intensità ta' mill-inqas 65 %–75 % tat-tagħbija massima ta' ripetizzjoni (*).	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għall-ikel li għandu fil-mira l-adulti li għandhom 'il fuq minn 55 sena, li huma involuti fi trejning ta' reżistenza regolari.	2016;14(2):4400	

(*) It-tagħbija massima ta' ripetizzjoni hija l-massimu tal-piż jew tal-forza li individwu jista' jeżerċita f'refgħa waħda."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/673

tas-7 ta' April 2017

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	EG	156,4
	MA	120,1
	SN	284,4
	TN	214,0
	TR	110,5
	ZZ	177,1
0707 00 05	MA	65,6
	TR	156,1
	ZZ	110,9
0709 93 10	MA	46,6
	TR	147,2
	ZZ	96,9
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	54,1
	IL	79,4
	MA	52,6
	TN	58,2
	TR	55,3
	ZZ	59,9
0805 50 10	AR	61,0
	TR	69,6
	ZZ	65,3
0808 10 80	BR	107,0
	CL	91,4
	CN	161,4
	TR	98,3
	US	133,8
	ZA	106,0
	ZZ	116,3
0808 30 90	AR	124,6
	CH	128,6
	CL	131,7
	CN	98,9
	US	174,6
	ZA	132,8
	ZZ	131,9

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/674

tat-3 ta' April 2017

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam għal dak li jirrigwarda l-emendi fl-Anness III għal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Rotterdam") permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE ([1]). Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni.

(3) Sabiex ikun żgurat li l-pajjiżi ta' importazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam, jeħtieġ li tiġi appoġġata r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika, korp sussidjarju tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, rigward l-inklużjoni, fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, tal-karbofuran, il-karbosulfan, l-asbestos krisotilu, il-paraffini klorurati b'katina qasira, il-komposti kollha tat-tributiltin, it-triklorfon, il-fentijon (il-formolazzjonijiet b'Volum Ultra Baxx (ULV) b'640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L) u l-formolazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar. Dawn is-sustanzi diġà huma pprojbiti jew ristretti ħafna fl-Unjoni, u għaldaqstant huma suġġetti għal rekwiżiti tal-esportazzjoni li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

(4) It-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam ħijaa mistennija li tiddeċiedi dwar l-emendi proposti fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam. L-Unjoni għandha tappoġġa dawk l-emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam hija li l-Unjoni għandha tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali ([3]) għal dak li jirrigwarda l-inklużjoni tal-karbofuran, il-karbosulfan, l-asbestos krisotilu, il-paraffini klorurati b'katina qasira, il-komposti kollha tat-tributiltin, it-triklorfon, il-fentijon (il-formolazzjonijiet b'volum ultra baxx (ultra low volume/ULV) b'640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L) u l-formolazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

([3]) ĠU L 63, 6.3.2003, p. 29 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 046 p. 93).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
R. GALDES

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/675

tas-7 ta' April 2017

dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija

(notifikata bid-dokument C(2017) 2432)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/496/KEE tistabbilixxi l-prinċipji tal-kontrolli veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiż terz.

(2) Id-Direttiva 97/78/KE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika, timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiż terz.

(3) Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer hija waħda mill-iktar mard li jittieħed malajr fl-annimali tal-ifrat, fin-nagħaġ, fil-mogħoż u fil-ħnieżer. Il-vajrus li jikkawża din il-marda għandu l-potenzjal li jinfirex malajr, l-iktar permezz ta' prodotti li jinkisbu minn annimali infettati u oġġetti mhux ħajjin kontaminati, inklużi l-mezzi tat-trasport bħall-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem. Skont it-temperatura li tkun, il-vajrus jista' jippersisti wkoll għal diversi ġimgħat f'ambjent kontaminat 'il barra minn ġisem l-annimal li jkollu l-marda.

(4) Fil-31 ta' Marzu 2017, l-Alġerija bagħtet notifika lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ("OIE") biex tikkonferma t-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tas-serotip A fil-Punent tat-territorju tagħha. In-notifika immedjata ma ssemmi l-ebda miżura oħra għajr it-tilqim biex tiġi kkontrollata l-marda.

(5) Il-preżenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija tista' tikkostitwixxi riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem fl-Unjoni.

(6) Is-sitwazzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija għadha inċerta u għadd sinifikanti ta' kunsinni ta' annimali bovini ħajjin jiġi esportat f'dak il-pajjiż mill-Istati Membri tal-UE.

(7) Għalhekk, is-sitwazzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija tirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni li jqisu s-sopravvivenza tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-ambjent u r-rotot ta' trażmissjoni potenzjali ta' dak il-vajrus.

(8) Il-vetturi u l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jintużaw għat-trasport tal-annimali ħajjin lejn l-Alġerija jistgħu jiġu kontaminati bil-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'dak il-pajjiż u għalhekk hemm ir-riskju li jintroduċu l-marda mal-wasla tagħhom fl-Unjoni.

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

(9) It-tindif u d-diżinfezzjoni xierqa tal-vetturi u tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem huwa l-aħjar mod biex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni rapida tal-vajrus fuq distanzi kbar.

(10) Għalhekk, huwa xieraq li l-vetturi u l-bastimenti kollha għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ttrasportaw annimali ħajjin lejn destinazzjonijiet fl-Alġerija jitnaddfu u jiġu diżinfettati kif jixraq, u li dak it-tindif u d-diżinfezzjoni jiġi dokumentat kif suppost f'dikjarazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-operatur jew mis-sewwieq lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul fl-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, peress li l-Marokk u t-Tuneżija huma pajjiżi ta' tranżitu potenzjali mnejn jistgħu jgħaddu l-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu qed jirritornaw mill-Alġerija lejn l-Unjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu applikabbli wkoll għall-vetturi u għall-bastimenti ġejjin mill-Alġerija bi tranżitu minn dawk il-pajjiżi.

(12) Jenħtieġ li l-operatur jew is-sewwieq jiżgura li għal kull vettura u għal kull bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ttrasportaw annimali ħajjin lejn destinazzjonijiet fl-Alġerija, jinżamm ċertifikat tat-tindif u tad-diżinfezzjoni għal perjodu minimu ta' tliet snin.

(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li l-vetturi li jittrasportaw l-għalf minn pajjiżi infettati jew lejhom, u li minnhom ma jistax jiġi eskluż ir-riskju sinifikanti ta' introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fit-territorju tal-Unjoni, ikunu soġġetti għal diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti jew ta' kwalunkwe parti oħra tal-vetturi jekk jitqies li dan ikun meħtieġ biex jitnaqqas dak ir-riskju.

(14) Jenħtieġ li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni japplikaw għal perjodu ta' żmien li jippermetti li ssir evalwazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żoni affettwati.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, "vettura għall-ġarr tal-bhejjem" jew "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser kwalunkwe vettura jew bastiment li jintużaw jew li ntużaw għat-trasport ta' annimali terrestri ħajjin.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mal-wasla ta' vettura jew ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem mill-Alġerija, jew direttament jew inkella wara tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija, l-operatur jew is-sewwieq jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fil-punt tad-dħul fl-Unjoni, informazzjoni li turi li l-kompartiment tal-bhejjem jew tal-ġarr, u meta jkun applikabbli l-kaxxa tat-trakk, ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq kif ukoll il-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi li ntużaw waqt il-ħatt, ikunu tnaddfu u ġew diżinfettati wara l-aħħar ħatt tal-annimali.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi inkluża f'dikjarazzjoni li timtela skont il-mudell stabbilit fl-Anness I jew fi kwalunkwe format ieħor ekwivalenti li jinkludi minn tal-inqas l-informazzjoni stabbilita f'dak il-mudell.

3. Il-kopja oriġinali tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinżamm mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' tliet snin.

Artikolu 3

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni għandha tikkontrolla viżwalment il-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ġejjin mill-Alġerija, jew direttament jew inkella wara tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija, sabiex tiddetermina jekk tnaddfux u ġewx diżinfettati b'mod sodisfaċenti.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fl-Alġerija ta' annimali ħajjin li jridu jinġarru, għandha tikkontrolla viżwalment il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem sabiex tiddetermina jekk tnaddfux u ġewx diżinfettati b'mod sodisfaċenti qabel it-tagħbija tal-annimali.

3. Meta l-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 juru li t-tindif u d-diżinfezzjoni jkunu twettqu b'mod sodisfaċenti jew meta l-awtoritajiet kompetenti minbarra l-miżuri previsti fil-paragrafu 1, ikunu ordnaw, organizzaw u wettqu diżinfezzjoni addizzjonali tal-vetturi jew tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu tnaddfu qabel, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara dak il-fatt billi toħroġ ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness II.

4. Meta l-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 juru li t-tindif u d-diżinfezzjoni tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux twettqu b'mod sodisfaċenti, l-awtorità kompetenti għandha tieħu waħda mill-miżuri li ġejjin:

(a) teżiġi li l-vettura jew il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jitnaddaf u jiġi diżinfettat kif suppost f'post magħżul mill-awtorità kompetenti, kemm jista' jkun qrib il-punt tad-dħul fl-Istat Membru kkonċernat u toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) meta ma jkunx hemm faċilità adattata għat-tindif u għad-diżinfezzjoni biswit il-punt tad-dħul jew meta jkun hemm riskju li l-prodotti residwi tal-annimali jkunu jistgħu jiġu rilaxxati mill-vettura jew mill-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li ma jkunx tnaddaf:

   (i) tiċħad id-dħul fl-Unjoni tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jew

   (ii) twettaq diżinfezzjoni preliminarja fuq il-post tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li ma jkunx tnaddaf jew ġie diżinfettat b'mod sodisfaċenti diment li jiġu applikati l-miżuri previsti fil-punt (a).

5. Il-kopja oriġinali taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tinżamm mill-operatur jew mis-sewwieq tal-vettura għall-ġarr tal-bhejjem għal perjodu ta' tliet snin. L-awtorità kompetenti għandha żżomm kopja ta' dak iċ-ċertifikat għal perjodu ta' tliet snin.

Artikolu 4

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni tista' teżiġi li kull vettura li tkun ittrasportat għalf mill-Alġerija jew lejha, u li għaliha ma jkunx jista' jiġi eskluż ir-riskju sinifikanti ta' introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni, issirilha diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti tagħha jew ta' kwalunkwe parti oħra tagħha jekk jitqies li jkun meħtieġ biex jitnaqqas dak ir-riskju.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' April 2018.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Dikjarazzjoni mudell li trid tingħata mill-operatur/mis-sewwieq tal-vetturi/tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ġejjin mill-Alġerija u dawk ġejjin mill-Alġerija bi tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija

Jien, l-operatur/is-sewwieq tal-vettura/tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ..... ([1])

niddikjara li:

— L-iktar ħatt reċenti tal-annimali u tal-għalf sar fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ssss)	Ħin (ss:mm)

— Wara l-ħatt, il-vetturi/il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem tnaddfu u ġew diżinfettati. It-tindif u d-diżinfezzjoni inkludew il-kompartiment tal-bhejjem jew tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk ([2])], ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq kif ukoll il-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi li ntużaw waqt il-ħatt.

— It-tindif u d-diżinfezzjoni twettqu fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ssss)	Ħin (ss:mm)

— Id-diżinfettant intuża bil-konċentrazzjonijiet rakkomandati mill-manifattur ([3]):

.....

— It-tagħbija li jmiss ta' annimali se titwettaq fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ss)	Ħin (ss:mm)

Data	Post	Firma tal-operatur/tas-sewwieq
Isem l-operatur/is-sewwieq tal-vettura għall-ġarr tal-bhejjem u l-indirizz kummerċjali (b'ittri kapitali)		

([1]) Daħħal in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni tal-vettura/tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem.
([2]) Ħassar jekk mhux applikabbli.
([3]) Indika s-sustanza u l-konċentrazzjoni tagħha.

ANNESS II

Ċertifikat mudell tat-tindif u tad-diżinfezzjoni tal-vetturi/tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ġejjin mill-Alġerija u dawk ġejjin mill-Alġerija bi tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija

Jien, l-uffiċjal li ffirmajt hawn taħt, niċċertifika li spezzjonajt:

1. il-vetturi/il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem bil-pjanċi tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni [1] illum u b'kontroll viżiv sibt li l-kompartiment tal-bhejjem jew tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk [2]], ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq kif ukoll il-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi li ntużaw waqt il-ħatt, kienu tnaddfu b'mod sodisfaċenti.

2. l-informazzjoni ppreżentata fil-forma ta' dikjarazzjoni kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 [3] jew fi kwalunkwe forma ekwivalenti oħra li tkopri l-punti stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675.

Data	Ħin	Post	Awtorità kompetenti	Firma tal-uffiċjal (*)
Timbru:	Isem b'ittri kapitali:			

(*) Il-kulur tat-timbru u tal-firma jrid ikun differenti minn dak li ntuża għall-istampar.

(1) Daħħal in-numri tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni tal-vetturi/tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.
(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.
(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 tas-7 ta' April 2017 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija (ĠU L 97, 8.4.2017, p. 31).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT